



Stqarrija Speċifika ta' Privatezza

Sena Ewropea għal Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012

Jum Ewropew għall-Forza tal-Anzjani

1. Objettiv

L-objettiv ta' din is-sejħa għall-parteċipazzjoni hi li jiġu rċevuti proposti għal attivitajiet mill-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet voluntiera kollha mill-Ewropa biex jinsabu modi ġodda biex jiġu impenjati voluntiera anzjani taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tal-Unità "Anzjanità Attiva, Pensjonijiet, Kura tas-Saħħa, Servizi Soċjali", Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DG EMPL), li jaġixxi bħala Kontrollur.

Peress li din is-sejħa għal parteċipazzjoni tiġbor u tipproċessa ulterjorament dejta personali, japplika r-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data.

2. Liema informazzjoni personali niġbru u permezz ta' liema mezzi tekniċi?

Id-dejta personali miġbura u pproċessata ulterjorament hi dejta meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-Jum Ewropew għall-Forza tal-Anzjani, bħall-isem, il-kunjom, l-indirizzi postali u tal-imejl, in-numru tat-telefown, l-isem tal-organizzazzjoni inkluż is-sottomissjoni.

L-operazzjonijiet tal-ipproċessar fuq dejta personali relatati mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' din is-sejħa għall-parteċipazzjoni huma meħtieġa għat-tmexxija u l-iffunzjonar tal-Kummissjoni, kif mandat mit-Trattati, u aktar speċifikament l-Artikoli 5, 7 u 211-219 tat-Trattat tal-KE.

Is-sejħa għall-parteċipazzjoni u l-Jum Ewropew għall-Forza tal-Anzjani huma organizzati taħt is-Sena Ewropea għal Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012).¹

3. Min għandu aċċess għall-informazzjoni tiegħek u lil min tiġi divulgata?

L-aċċess għad-dejta personali kollha kif ukoll l-informazzjoni miġbura kollha fil-kuntest ta' din is-sejħa għal parteċipazzjoni jingħata biss permezz ta' user name / password għal popolazzjoni definita ta' utenti, mingħajr ħsara għal trażmissjoni possibbli lill-korpi responsabbli minn kompitu ta' monitoraġġ jew ispezzjoni skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja. Dawn l-utenti

¹ Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet(2012) <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32011D0940:EN:NOT>



tipikament huma membri tal-Unità li qed torganizza l-Jum Ewropew għall-Forza tal-Anzjani fid-DĠ EMPL u s-subkuntrattur tad-DĠ EMPL (P.A.U. Education) li jaġixxi bħala proċessur.

Id-dejta personali kollha kif ukoll l-informazzjoni kollha miġbura fil-kuntest ta' din is-sejħa għal parteċipazzjoni se tkun maħżuna f'dejtabejż protetta minn password u l-aċċess għaliha jingħata biss lil numru limitat ta' persuni fid-DĠ EMPL (bħala organizzatur tal-Jum Ewropew għall-Forza tal-Anzjani) u s-subkuntrattur P.A.U Education li jaġixxi bħala proċessur.

Ebda dejta personali ma tiġi trażmessa lill-partijiet minbarra r-riċevituri msemmija u l-qafas legali imsemmi.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tagħtix id-dejta personali tiegħek lill partijiet terzi għal kummerċalizzazzjoni diretta.

4. Kif aħna niproteġġu u nissalvagwardjaw l-informazzjoni tiegħek?

Id-dejta miġbura u l-informazzjoni kollha relatata mal-Jum Ewropew għall-Forza tal-Anzjani msemmi hawn fuq tiġi maħżuna fuq kompjuter ta' kuntrattur estern, li jaġixxi bħala proċessur, li jiggarrantixxi l-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità mitluba mir-Regolament (KE) 45/2001.

5. Kif inti tista' tivverifika, timmodifika jew tikkanċella l-informazzjoni tiegħek?

F'każ li inti trid taċċessa d-dettalji personali tiegħek miġbura fil-proċess ta' din l-attività, timmodifikaħhom, tikkoreġġihom jew tikkanċellahom, jekk jogħġbok għamel kuntatt mal-Kontrollur billi tuża l-Informazzjoni ta' Kuntatt hawn taħt u billi tispeċifika espliċitament it-talba tiegħek.

6. Għal kemm żmien aħna nżommu d-dejta tiegħek?

Id-dejta personali kollha tiġi mħassra mid-dejtabejż fil-bidu tal-2013. Rapporti li jkollhom dejta personali se jiġu arkivjati skont il-qafas legali tal-Kummissjoni.

7. Informazzjoni ta' kuntatt

F'każ li inti tixtieq tivverifika liema dejta personali hi maħżuna f'ismek mill-kontrollur responsabbli, timmodifikaha, tikkoreġġiha jew tikkanċellaha, jew jekk inti għandek mistoqsijiet dwar is-sejħa għal parteċipazzjoni jew li jikkonċernaw kwalunkwe informazzjoni pproċessata fil-kuntest tas-sejħa għal parteċipazzjoni jew dwar id-drittijiet tiegħek, ħossok ħieles li tagħmel kuntatt mat-tim ta' appoġġ, li jopera taħt ir-responsabbilita tal-Kontrollur, billi tuża l-informazzjoni ta' kuntatt li ġejja:

Tim SE2012

Tel. +34.93.367.04.00

Fax: +34.93.414.62.38

euseniorforceday@paueducation.com

8. Appell

Ilmenti, f'każ ta' konflitt, jistgħu jiġu indirizzati lis-[Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](#).